MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 823/1999/2

**Vivian Charmaine Mizzi**

**v.**

**Carmel Mizzi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata fit-12 ta’ April, 1999 quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili l-attrici ppremettiet illi f’kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Angelo Vella tal-15 ta’ Lulju, 1982, kien gie stipulat bejn il-partijiet illi l-istess konvenut ihallas lill-attrici 35% mill-introitu kurrenti tieghu f’kull gimgha u dana kellu jithallas b’effett minn meta l-istess Carmel Mizzi jibda jahdem; illi l-konvenut ilu diversi snin jahdem izda qatt ma hallas flus lill-mittenti (recte attrici) bhala manteniment; illi interpellat sabiex jiddikjara l-introitu tieghu kurrenti sabiex ihallas l-imsemmi 35%, baqa’ inadempjenti u jhallas l-istess baqa’ inadempjenti (sic); ghalhekk l-attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. tillikwida l-introitu li bhal (sic) l-istess konvenut minn meta beda jahdem wara l-15 ta’ l-Lulju, 1982 sal-lum u kif ukoll tillikwida mill-istess ammont, l-percentwali pagabbli lill-attrici kif fuq premess.
2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet fuq l-ammont hekk likwidat kontra l-konvenut u b’riserva ghall-manteniment ulterjuri dovut lill-attrici kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci izda b’digriet tal-24 ta’ Mejju, 2000 il-qorti ta’ l-ewwel grad ikkoncedietlu dritt jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata, liema nota tal-eccezzjonijiet giet sussegwentement sfilzata wara decizjoni ta’ din il-Qorti, kif diversament komposta, tat-13 ta’ Lulju, 2001.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tal-24 ta’ Ottubru, 2002 il-Prim Awla tal-Qort Civili filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghat it-talbiet attrici iddisponiet minn din il-vertenza bil-mod segwenti:-

1. “Tillikwida l-introjtu tal-konvenut ghall-perjodu bejn Dicembru 1984 sa April 1999, rapprezenta(n)ti tali dati, iz-zmien meta beda jahdem il-konvneut wara il-15 ta’ Lulju 1982 sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni fl-ammont ta’ (seba’ t’elef, mitejn u hamsa u tletin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (LM7,235.62) u l-percentwali ta’ 35% mill-istess introjtu pagabbli lill-attrici hija ghalhekk ta’ elfejn,

hames mija u tnejn u teltin lira Maltin u sebgha u erbghin centezimu (LM2,532.47).

2. “Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat ta’ elfejn, hames mija u tnejn u tletin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM2,532.47) ghar-ragunijiet fuq premessi.

“Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fis-27 ta’ Lulju 1999 sal effettiv pagament kontra l-konvenut.”

L-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
“*Illi din hija kawza fejn l-attrici qed issostni li ghalkemm b’kuntratt ta’ separazzjoni pubblikat minn Nutar Angelo Vella u datat 15 ta’ Lulju 1982, l-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-attrici 35% mill-introitu tieghu fil-gimgha, b’effett mid-data meta jibda jahdem, bhala manteniment, l-istess konvenut baqa’ ma hallas xejn u ghalhekk talbet li jigi likwidat l-istess ammont b’effet mid-data meta l-istess konvenut beda jahdem wara l-15 ta’ Lulju 1982.*

*Illi l-konvenut baqa’ kontumaci stante li l-eccezzjonijiet tieghu gew sfilzati b’decizjoni tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell li nghatat fit-13 ta’ Lulju 2001, u peress li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni izda opposizzjoni ghat-talbiet attrici, l-istess attrci xorta trid tipprova dak li qed tallega, u f’dan il-kaz ifisser, apparti l-prova tal-ftehim de quo, l-ewwel li l-konvenut beda jahdem u wkoll l-ammont ta’ paga u l-introitu tieghu.*

*Illi fil-fatt l-obblgazzjoni assunta mill-konvneut tirrizulta minn artikolu 5 tal-kuntratt prezentat li jistipula li:*

*“Il-konjugi Mizzi jiddikjaraw illi prezentement Carmel Mizzi huwa disokkupat, izda jifthemu u Carmel Mizzi jobbliga ruhu, li appena dan jibda jahdem u sakemm jibqa’ jahdem, huwa ghandu jhallas lill-komparenti martu Vivian Charmaine Mizzi, ghaliha u ghal binha minuri Jason Joseph, retta alimentari fil-gimgha, pagabbli kull gimgha bil-quddiem li tkun tirraprezenta hamsa u tletin fil-mija (35%) mill-introjti korrenti ta’ Carmel Mizzi f’kull gimgha.”*

*Illi dwar l-introitu tal-konvenut* ***l-attrici*** *sostniet fis-seduta tad-9 ta' Novembru 1999 (fol 29) li l-konvenut kellu kumpanija tieghu bl-isem "Chas Auto Company Limited", u li qabel kellu restaurant bl-isem "May Wharf" ghalkemm dan m'ghadux qed jigi gestit minnu, ghaliex il-konvenut dejjem hadem fit-tiswija tal-karozzi.*

*Illi f'dan tinsab korroborata sa certu punt mix-xhieda ta' Joseph Farrugia, rappresentant tar-Registratur tal-Kumpaniji fl-M.F.S.C. li fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2000 sostna li l-konvenut kien involut fi tlett socjetajiet registrati u cioe` "Chas Limited" (Reg No C 8451 – Dok 'JF1'); "Hal-Far Autotest Centre Limited" (Reg No C 19038 – Dok 'JF2') u "Millenium Investments Limited" – (Reg No C 24743), u li l-istess tlett kumpanji, ottemperaw ruhhom kollha mal-provizjonijiet godda tal-ligi dwar il-kumpaniji u wahda minnhom adirittura giet registrata fi zmien ricenti ghad-data tax-xhieda tal-istess xhud.*

*Illi fil-fatt mid-dokumenti ezebiti jidher li fl-ewwel kumpanija "Chas Limited" il-konvenut kellu l-maggoranza tal-azzjonijiet ta' l-istess u huwa anke Direttur taghha flimkien ma' certu Anna Bonnici, liema socjeta` giet registrata fl-1 ta' Dicembru 1986, fit-tieni soscjeta` fuq elenkata l-konvenut kellu nofs l-ishma flimkien ma' Winfred Rauch u kien ukoll wiehed miz-zewg diretturi tal-istess, liema socjeta` giet registrata fis-7 ta' Settembru 1995.*

*Illi fl-ahhar kumpanija li giet registrata fil-21 ta' Gunju 1999, huwa kien ukoll azzjonista b'306 "Preference Cumulative Participating Redeemable Shares", u wkoll direttur tal-"A" Ordinary Shares.*

*Illi mix-xhieda ta'* ***Thomas Sammut,*** *rapprezentant tal-Employment Training Corporation, jirrizulta li l-konvenut kellu diversi mpiegi sas-sena 1979 (Dok "TS2") u fl-24 ta' Dicembru 1984 irregistra bhala "self employed" bhala "garage owner" (Dok "TS3") u fis-sena 1993 bhala "Managing Director (Dok "TS4").*

*Illi **Ian Napier** mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali sostna li l-konvenut l-ahhar li hallas kontribuzzjoni kien fin-1984 bir-rata l-baxxa tat-Tieni Klassi S.A., u qabel l-ahhar li sar hlas kien fin-1979 u ghalhekk bejn in-1979 u l-1984 ma sar ebda hlas, kif lanqas sar wara n-1984 (Dok "IN" – fol 120).*

*Illi gew esebiti wkoll il-prospetti tal-paga minima nazzjonali minn 1996 sal-2000 (fol 165 a fol 158 tal-process).*

*Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li fit-terminu ndikat mill-attrici l-konvenut kien jahdem f'dawn il-Gzejjer l-aktar ghar-rasu, u ghalhekk kellu introjtu, liema ntrojtu ma giex specifikat, pero` gew esebiti prospetti tal-paga minima nazzjonali ghaz-zmien relattiv, u peress li l-attrici limitat it-talba taghha ghall-istess bazi ta' minimum wage, din il-Qorti sejra timxi fuq din il-bazi sabiex tasal ghall-persentagg indikat fl-artikolu 5 tal-kumtratt ta' separazzjoni fuq indikat."*

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors ippresentat fit-13 ta' Novembru 2002 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza imsemmija bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

L-aggravji mressqa mill-appellant kontra s-sentenza fuq riportata huma s-segwenti:-

1. Illi l-attrici ma resqitx prova in sostenn ta' l-allegazzjoni taghha li l-konvenut beda jahdem u li zamm impieg tul is-snin li ghalihom hija talbet manteniment.
2. Illi ma ngiebet ebda prova dwar l-introitu tal-konvenut.
3. Illi l-gudizzju mhux integru billi l-minuri Joseph Jason Mizzi mhux parte in kawza.
4. Illi l-ammont likwidat huwa eccessiv in kwantu jinkludi il-"bonus" u ma jaghmel ebda tnaqqis ghat-taxxa dovuta.
5. Illi t-talba hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156(b) tal-Kodici Civili.

6. Illi ma ghandhomx jiddekorru imghax fuq somma mhux likwida.

**Ikkunsidrat:-**

Illi jigi rilevat li bl-ewwel u t-tieni aggravji msemmija mill-appellant din il-Qort qed tigi mistiedna li tezamina l-apprezzament maghmula mill-ewwel qorti fuq il-provi prodotti quddiemha. Illi hija gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li dan l-ezercizzju ma ghandux isir sakemm ma jkunx hemm is-suspett li l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel qorti, tenut kont tal-provi migjuba, kien tali li johloq pregudizzju serju u ingustizzja fil-konfront tal-appellant.

Illi din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tal-konsiderazzjonijiet li waslu lill-ewwel qorti biex tikkonkludi dak li hemm fis-sentenza appellata u ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja l-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti.

Illi huwa minnu li mill-provi processwali ma jirrizultax ammont ta' introitu percepit mill-konvenut appellant, izda jidher li l-istess attrici llimitat t-talba taghha ghal-likwidazzjoni ta' manteniment a bazi tal-paga minima nazzjonali. Dan il-fatt gie mehud in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti fil-likwidazzjoni rikjesta tenut kont ukoll tal-fatt li l-istess konvenut appellant kien, ghaz-zmien pertinenti, socju u sahansitra direttur f'socjetajiet kummercjali liema socjetajiet certament ma kienux gew imwaqqfa bhala kapricc. Jigi rilevat inoltre li l-iskop ewlieni tas-socjeta` Chas Limited, li giet imwaqqfa fl-1 ta' Dicembru, 1986, jittalja perfettament ma dak li qalet l-istess attrici u cioe` li zewgha, il-konvenut, "dejjem hadem fit-tiswija tal-karozzi." Dawn iz-zewg aggravji, ghalhekk, mhux gustifikati.

Illi dwar it-tielet aggravju qed issir referenza ghal dak li jinghad fil-hames (5) paragrafu tal-kuntratt tas-separazzjoni fejn jirrizulta li ma saret ebda distinzjoni bejn l-ammont dovut bhala manteniment lill-attrici u dak dovut lill-binha minuri. Anzi l-enfazi fil-kuntratt hija biss fuq il-percentagg mill-introitu tal-konvenut zewgha. Skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni l-attrici nghatat l-kustodja tal-iben minuri komuni u ghalhekk l-ammont dovut skond

l-istess kuntratt seta’ jintalab minnha biex taqdi l-obbligi taghha skond l-istess kuntratt. Illi fir-rigward ta’ dak li nghad dwar l-eta` tal-minuri jigi rilevat li l-ammont likwidat jirrifletti perijodu li gja ghadda u inoltre ma hemm ebda prova in atti dwar il-maggor eta` tal-istess Joseph Jason Mizzi. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Illi din l-Qorti ma tara ebda gustifikazzjoni fir-raba’ aggravju mressaq mill-appellant billi huwa legalment rikonoxxut li l-“bonus” jifforma parti mill-paga minima nazzjonali u, inoltre, anke jekk hemm xi taxxa dovuta fuq din il-paga minima nazzjonali, possibilita` din aktarx remota, tali eventwalita` mhux kunsidrata fil-kuntratt ta’ separazzjoni. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi mwarrab.

Illi l-hames aggravju, cioe` dak li jikkoncerna l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici, ghandu aktar minn natura ta’ eccezzjoni moghtija fil-mori tal-kawza. Issa ghalkemm huwa minnu li l-preskrizzjoni tista` tigi sollevata u eccepita f’kull stadju tal-proceduri minghajr riserva – anke fl-istadju ta’ l-appell - jigi rilevat li f’dawn il-proceduri l-konvenut appellant kien gie dikjarat kontumaci u l-eccezzjonijiet tieghu sfilzati. Isegwi li mhux permess ghall-konvenut li jressaq ebda eccezzjonji, inkluza dik tal-preskrizzjoni, ghax jekk dan isir l-istess konvenut jkun qieghed, b’dan il-mod, jissana l-posizzjoni tieghu ta’ kontumaci[1]. Din l-eccezzjoni ghalhekk mhux ammissibbli u konsegwentement l-aggravju mhux gustifikat.

Finalment l-konvenut appellant qed jilmenta dwar il-fatt li l-ewwel qorti akkordat lill-attrici imghax fuq is-somma likwidata mid-data tan-notifika tac-citazzjoni meta l-ammont in kawza ma kienx wiehed likwidu.

Il-provvedimenti legali li jirregolaw din il-kwistjoni insibuhom fl-artikoli 1139 et sekwitur tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 1139 jiddisponi li “*jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta’ somma* <u>*determinata,*</u> *d-danni li*

---

[1] Ara a propositu ta’ l-appell mill-kontumaci <u>Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe</u>., Appell, 27 ta’ Marzu, 1996; u <u>Joseph Aquilina noe v. Lino Debono</u>, Appell, 7 ta’ Ottubru, 1997.

*jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."*

L-Artikolu 1141 jiddisponi li (1) "*Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita."* U (2) "*F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."*

Minn dan jidher li imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta' danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni meta l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun hlas ta' somma determinata. Konsegwentement kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet. Id-data meta dawn l-imghaxijiet jibdew jigu komputati u cioe` jekk minn meta jkun dovut l-ammont jew mid-data tas-sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, huwa determinat fl-artikoli fuq riprodotti, izda dejjem huwa rikjest li l-ammont ikun determinat.

Issa fil-kaz in ezami l-ammont dovut bhala manteniment gie biss determinat u likwidat fis-sentenza appellata u ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx takkorda mghax mid-data tal-presentata tac-citazzjoni billi f'dak il-mument l-ammont kien ghadu mhux determinat. Dan l-aggravju ghalhekk jidher gustifikat u l-qorti sejra tipprovdi dwaru fil-parti dispozittiva tas-sentenza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tilqghu limitatament ghall-kwistjoni tal-imghaxijiet akkordati fl-ewwel sentenza billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat li jithallsu l-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u minflokk tordna li l-imghaxijiet jibdew jidekorru mid-data tas-sentenza appellata. Ghal bqija tikkonferma s-sentenza appellata u b'hekk, hlief ghal dak li inghad fir-rigward tal-imghaxijiet akkordati, tichad l-appell tal-konvenut. Finalment tordna li l-ispejjez ta' dan l-appell jigu sopportati kwantu disgha

minn ghaxar partijiet mill-konvenut appellant u parti wahda minn ghaxar partijiet mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------